## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 16 TA' SETTEMBRU, 2002**

## Avviz Nru: 605/02 PM

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-societa Middle Sea Insurance plc**

**Vs**

**Mario Tabone**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih s-societa attrici talbet il-hlas ta' Lm620.20 rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku bejn il-vettura IAG 565 misjuqa mill-konvenut u il-vettura BAJ 179 misjuqa minn Joan Mary Dimech u fejn l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut qal li dana l-incident kien tort tal-attrici.

Ra r-Road Accident Report immarkat DZ No. 21 fejn il-konvenut qal li meta kien gej ghaddej mit-Triq tal-Mirakli u qabez karrozza li kienet ipparkjata ra il-karozza BAJ179 gejja mid-direzzjoni l-ohra u habtu. L-attrici qalet li l-konvenut kien gej bi speed gholi meta dahal go fiha.

Ra d-dokumenti esebiti immarkati No. 21 JL1 – JL5

Ra l-istess seduta mizmuma fis-27 ta' Mejju 2002 fejn John Lentini xehed li wara pprezentaw l-kawza l-konvenut Mario Tabone mar ikellmu fl-ufficju fejn ftiehem mas-supervisor tieghu li kien ser jibda jhallas mitt Lira fix-xahar. John Lentini qal ukoll li l-ghada stess il-konvenut qallu li ma kienx ser ihallas ghaliex sejjer jiehu parir legali.

Fl-istess seduta xehed PS 38 Paul Zahra fejn ikkonferma li kollox huwa imnizzel fuq ir-Road Accident Report u l-isketch.

Xehdet ukoll Joan Dimech fejn qalet li kienet qeda isuq bil-mod fit-Triq il-Mirakli u meta rat lill-konvenut gej b'full speed waqfet mill-ewwel izda l-konvenut baqa diehel go fiha. Qalet ukoll li kien hemm il-karozzi ipparkjati fuq ix-xellug taghha.

Ra li xehed ukoll Mario Tabone fejn qal li meta kien qed idur f'Triq il-Mirakli ra karrozza gejja lejh b'velocita mhux hazin mid-direzzjoni

opposta u habtu. Ikkonferma li kien hemm zmien li kien lest jaccetta li jhallas nofs id-danni izda iktar tard meta mar ihallas in-nofs is-societa attrici qaltlu li t-tort kienm kollu tieghu u ma accettax. Il-konvenut qal li kif qabad it-tondjatura seta' jara quddiemu l-karozza tal-attrici.

Ra l-isketch immarkata PZ1 fejn il-karozza IAG 565 kellha 6 meters brake marks u BAJ 179 kellha 10 meters brake marks.

Il-konvenut kien gej minn triq Amabile Preca. Dahal fi triq tal-Mirakli hu hemm ra lil karozza assiskurata mad-ditta attrici. Il-konvenut qal li kif dar sab lil karozza assikurata mad-ditta attrici quddiemu.

Kien d-dover tal-konvenut li izomm fuq ix-xellug tat-triq. Ma hemmx spjegazzjoni ghaliex hu qieghed daqsekk fin-nofs. Minn naha l-ohra Joan Dimech kellha karozza ipparkjata fuq ix-xellug taghha u qabel ma harget ghan-nofs tat-triq kellha tara li setghet taghmel hekk.

Illi mill-brake marks ta' Joan Dimech jirrisulta li hi rat lil konvenut gej, ghafset il-brake izda f'distanza ta' 30 pied ma irnexxiliex twaqqaf il-karozza taghha.

Illi fid-dawl tax-xhieda u tad-dokumenti jirrisulta li z-zewg sewwieqa kienu risponsabbli ghal incident. Illi d-danni ma gewx kontestati u jidhru

ragjonevoli. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu ihallas lis-societa attrici l-ammont ta’ Lm310 bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Kull parti ihallas l-ispejjes tieghu.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikant**